GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 27 ta' Settembru 2022 **Ref:** DLAP 198/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Sandra Ebejer – Direttriċi DLAP

**Suġġett:** **Playcon 2022**

---

Nixtiequ ninfurmaw lill-kapijiet tal-iskejjel li il-GMR flimkien ma' Gaming Malta, bis-sapport tal-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u bil-kooperazzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jorganizzaw Playcon, l-akbar wirja tal-gaming f'Malta, li se ssir bejn il-Ħamis 3 ta' Novembru u l-Ħadd 6 ta' Novembru 2022, fiċ-Ċentru tal-Fieri u l-Konferenzi, l-MFCC f'Ta' Qali.

**Nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru u l-Ġimgħa 4 ta' Novembru**, bejn id-9 ta' filgħodu u s-sagħtejn ta' waranofsinhar, il-Wirja ser tkun miftuħa għall-istudenti kollha mir-raba' sena tal-primarja sal-ħdax –il sena fis-sekondarja. **M'hemm ebda ħlas**, u l-**ħlas għat-transport ser jiġi pprovdut**.
Bħalma sar fl-ewwel edizzjoni, Playcon ser tkun qed turi l-valur edukattiv tal-logħob kif ukoll tal-e-Sports, waqt li tkun qed tagħti lill-istudenti l-opportunita' li jesperjenzaw b'mod konkret il-prinċipji tat-tagħlim li nsibu f'logħob maħdum tajjeb. Matul il-Wirja, l-istudenti se jkunu jistgħu jattendu numru ta' workshops organizzati bħala parti mill-EU Code Week, li fihom ser ikollhom esperjenzi tal-coding b'mod interattiv u li jieħdu gost fih.

L-istudenti ser ikollhom l-opportunita' li jipparteċipaw f'numru ta' attivitajiet hands-on bħalma huma s-sim-racing challenge u jilagħbu numru ta' logħob, fosthom Minecraft (Education Edition). L-Istudenti se jżuru wkoll il-Wirja u n-numru ta' stands relatati ma' esports u karrieri fl-iżvilupp tal-logħob u dan minbarra li jesperjenzaw teknoloġiji oħrajn ġodda.

Ir-reġistrazzjoni għall-iskejjel tista' tiġi aċċessata permezz ta' https://bit.ly/playcon2022

**Ir-reġistrazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa 14 t'Ottubru 2022**, u hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Kwalunkwe mistoqsijiet għandhom jiġi indirizzati lil Dr Omar Seguna (omar.seguna@ilearn.edu.mt).

Aktar informazzjoni, fosthom dwar il-workshops fis-sit uffiċjali https://playcon.gg/ u l-paġna ta' Facebook https://www.facebook.com/playcon.mt.

Grazzi,

Sandra Ebejer
D DLAP

Graxio Grixti
D DDLTS